MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 993/2005

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra (Reg.No.C-7692)**

**vs**

**Bernice Coulton**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Mejju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' erbgha u erbghin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm44.94) kwantu ghal tmienja u tletin lira u tmien centezmi (Lm38.08) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar, 2004 sal-5 ta' Jannar, 2006 (sentejn), in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011890 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut,**

**b'liema licenzja l-konvenut gie moghti d-dritt li jxandar fil-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Fancy Fringes", Balzan, u sitt liri u sitta u tmenin centezmu (Lm6.86) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**
**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta' April, 2004 u tal-15 ta' April, 2005, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Dicembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erbgha u erbghin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm44.94) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Jannar, 2005.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-15 ta' April, 2004 u tal-15 ta' April, 2005, kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------